Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,979, 11 ta' Awissu, 2000
Taqsima B

A.L. 146 ta' l-2000

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tas-sena 2000 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tas-sena 2000 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D. - ippubblikati bħala Avviż Legali 137 ta' l-1998, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2002 jew wara.

Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafi (2) u (4) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Biex japplikaw għad-dħul fil-Kors il-kandidati għandhom, barra li jissodisfaw ir-rekwiżiti għad-dħul bħala studenti regolari skond ir-Regolamenti għad-Dħul, jissodisfaw ir-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors li ġejjin:

(i) għaddew fil-Livell Avanzat ta' l-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola bi Grad B jew aħjar fil-Bijoloġija u fil-Kimika; **u**

(ii) għaddew fil-Livell Intermedju ta' l-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola bi Grad B jew aħjar f'wieħed mis-suġġetti li ġejjin: l-Accounting, il-Matematika Applikata (il-Mekkanika), l-Għarbi, il-Computing, l-Ekonomija, l-Engineering Drawing, l-Ingliż, il-Franċiż, il-Ġeografija, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Istorja, l-Information Technology, it-Taljan, il-Latin, il-Malti, il-Filosofija, il-Fiżika, il-Matematika Pura, it-Tagħlim Reliġjuż, ir-Russu, is-Soċjoloġija u l-Ispanjol,

sakemm li l-gradi kollha indikati jkunu ġew miksuba flimkien f'sessjoni waħda ta' l-eżamijiet (jiġifieri f'seduta waħda) u jinkisbu minn Bord ta' l-Eżamijiet wieħed.

(4) L-applikanti li kisbu xi wieħed mill-gradi li ġejjin mill-Universita' ta' Malta jistgħu japplikaw ukoll:

(i) Bachelor of Science bi klassifikazzjoni ta' Kategorija II jew aħjar jew Bachelor of Science (Honours) bi klassifikazzjoni tat-Tieni Klassi bl-Unuri jew aħjar, fiż-żewġ każijiet bil-Bijoloġija u bil-Kimika bħala oqsma ewlenin; jew

(ii) Bachelor of Pharmacy (Honours) bi klassifikazzjoni tat-Tieni Klassi bl-Unuri jew aħjar; jew

(iii) Bachelor of Dental Surgery.

Dawn il-gradi m'għandhomx ikunu miksuba f'data li hija iżjed minn tlett snin qabel id-data meta jibda l-Kors."